MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 197/2014

**Roza Stoilova Manoilova**

**Vs**

**GasanMamo Insurance Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-17 ta' Marzu, 2014** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn u tmintax-il euro [€2018] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' elfejn u tmintax-il Ewro (€2018) imhallsa mill-attrici sabiex hi u zewgha jmorru gita fuq cruise fuq il-Costa Classica organizzata mill-SMS Mondial, liema cruise kellu jsalpa minn Malta

nhar l-4 ta' Mejju, 2013 u dan skont kuntratt ta' l-assigurazzjoni datat 7 ta' Jannar, 2013.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-3 ta' April, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba rikorrenti:

"It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi:

1) Jinkombi fuq l-attrici tipprova r-raguni ghaliex il-vjagg ma sarx u kif waslet ghall-ammont mitlub;

2) Illi minghajr preġudizzju ghall-premess jinkombi fuq l-attrici li tipprova illi hija kellha dritt ghall-kumpens minghand l-intimata a bażi ta' Travel Insurance Policy mahruga lilha;

3) Illi t-talbiet attriċi, huma esklużi espressament skond it-Travel Insurance Policy u kwindi mhux dovut hlas ta' ebda somma lill-attrici, u stante ksur tal-obbligi assunti mill-attrici a bażi tal-istess polza;

4) Illi minghajr preġudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, f'kaz li t-talba tal-attrici ghall-kumpens tintlaqa, din ghandha tinghata kumpens ghal sehemha biss ghall-ispejjez tal-vjagg u mhux ta' terzi.

Bl-ispejjez".

Ra l-verbal datat 16 ta' Dicembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Fis-7 ta' Jannar, 2013 r-rikorrenti xtrat "*short term travel insurance policy*" minghand is-socjeta intimata sabiex ikopri l-perjodu ta' vjagg li l-istess rikorrenti u zewgha kienu ser jaghmlu f'April, 2013. Gara li ftit jiem qabel ma kellhom jmorru fuq dan il-vjagg u cioe fid-29 ta' Marzu, 2013, zewgha gie ammess l-Isptar Mater Dei "*because of sudden chest heaviness*" (fol. 11) u t-tabib li ezaminah iccertifika li zewgha kien "*unfit to travel*" (fol. 11) u nghataw parir sabiex ihasru l-vakanza taghhom. Sussegwentement, r-rikorrenti kienet resqet talba mas-socjeta intimata sabiex hija tirkupra l-prezz shih li kienet hallset ghal din il-vakanza u cioe l-ammont ta' €2018. Stqarret li din il-"... *claim was not accepted by the insurance company and this on the basis of a clause in the Insurance Proposal Form which states that the admission of our claim was subject to the condition that any person insured must not have been suffering from a serious or chronic illness and/or injury which had required consultation or treatment within the preceding twelve (12) months*" (fol. 11). Kompliet tghid li zewgha kien isofri minn *high blood pressure* u li kien qieghed jiehu l-medicina ghal din il-kundizzjoni, pero fuq parir tat-tabib privat taghhom, zewgha waqaf jiehu din il-medicina sa minn Settembru, 2011 u ma kienx mar ghand tabib sa minn din id-data. Ir-ragel tar-rikorrenti baghat dikjarazzjoni mahlufa lis-socjeta intimata fejn ikkonferma dak li inghad hawn fuq izda minkejja dan, fi Frar, 2014 l-istess socjeta intimata permezz ta' *email*, infurmathom bid-decizjoni taghha li t-talba taghhom ghar-rifuzjoni tal-flus kienet qeghda tigi rifjutata. Ir-rikorrenti tghid li din id-decizjoni tas-socjeta intimata ma hassitiex gusta u dan peress li meta hija kienet xtrat il-polza ta' l-assikurazzjoni fis-7 ta' Jannar, 2013 zewgha "... *was not taking any*

*medication or undergoing any medical treatment and had not been doing so for a period well in excess of twelve (12) months*" (fol. 11). Zine Tasev Manoilov, zewgt ir-rikorrenti kkonferma dak kollu li qalet l-istess rikorrenti u dan skond ma jirrizulta mill-affidavit tieghu esebit a fol. 28 tal-process.

2. Fid-dokument intitolat Inclusive Travel Insurance Proposal Form immarkat bhala dok. AA1 a fol. 13 tal-process insibu hekk:

   "*Health Warranty*

   *The admission of claims under Section C, D, E and F of the Policy is subject to the express warranty that any:*

   1. *Insured*
   2. *Peron with whom the insured has arranged to travel or stay was not –*
      a) *Receiving or awaiting medical or surgical treatment at the time of effecting this insurance, or*
      b) *Suffering from a serious or chronic illness and/or injury which has required consultation or treatment within the past 12 months*" (fol. 17).

3. **Ramon Sultana**, *travel claims negotiator* mas-socjeta intimata qal li s-socjeta intimata kienet irrifjutat li taċċetta t-talba tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni u dan a bażi tad-dokumentazzjoni minnhom stess moghtija lilha. Qal li r-ragel tar-rikorrenti kien waqaf volontarjament jiehu l-medicina li kienet ġiet moghtija lilu. Qal ukoll li huma cahdu din it-talba tar-rikorrenti a bażi tal-klawsola numru erbgha (4) tat-Travel Insurance Policy taht ir-rubrika "*General Exclusions Which Apply To The Whole Policy*" (fol. 19 tal-librett dok. RS 5) li taqra hekk: "*This Policy does not insure: 4. Death, injury, illness or disability that results from suicide or attempted suicide or* ***<u>any act which could reasonably be considered as exposure to danger</u>*** *(unless you are trying to save someone's life), general infection or the influence of intoxicating liquor or drugs (other than drugs taken under medical supervision and not for the treatment of drug addiction)*". Qal li d-dokument iccitat mir-rikorrenti (dok. AA1)

huwa Proposal Form filwaqt li d-dokument li esebixxa hu u cioe l-Policy (dok. RS 5) huwa d-dokument vera u proprja li jorbot lis-socjeta intimata mar-rikorrenti. Dan id-dokument, kompla jghid ix-xhud, jinghata ma kull polza li tinhareg mis-socjeta intimata. Spjega ukoll li "... *filwaqt li fl-affidavit il-klijent qal illi kien hemm tabib li kien waqqaflu l-pinnoli specifikatament fil-case summary jirrizulta illi dawn il-pinnoli kienu twaqqfu mill-pazjent innifsu*" (fol. 40). Kompla jghid li r-ragel tar-rikorrenti "... *kien qal fil-claim form illi kien qieghed jiehu trattament ghal ċertu kundizzjonijiet meta mbaghad fir-rejalta rrizulta li dan it-trattament huwa ma kienx qed jiehu pinnoli ghalih*" (fol. 40).

4. **Dr. Oscar Aquilina** qal li r-ragel tar-rikorrenti dam taht il-kura tieghu mid-29 sal-31 ta' Marzu, 2013. Qal li r-raguni l-ghala l-pazjent kien l-isptar kienet minhabba fibrillazzjoni fil-qalb. Stqarr li l-pazjent kien qieghed jiehu l-medicina relatata ma din il-kundizzjoni li kellu kif ukoll il-warfarin. Qal li skond in-notamenti li kien ha u li jinsabu esebiti a fol. 32 tal-process, il-pazjent ma baqax jiehu l-medicina "*peress li kien qieghed jibza mis-side effects*" (fol. 63). Dr. Aquilina ma setax jghid meta l-pazjent kien waqaf jiehu l-medicina. Zied jghid li "*wara li telaq mill-isptar ahna rrikamondajna illi jiehu trattament anke wara li telaq mill-isptar u rrikomandajnielu li jibqa jiehu l-medicina li kien jiehu qabel ma dahal ghadna u li huwa kien waqaf johodha u tajnieh ukoll xi haga ohra flok il-warfarin*" (fol. 63). Qal li wahda mir-ragunijiet l-aktar komuni tal-*atrium fibrillation* hija l-pressjoni gholja.

5. **Ir-rikorrenti** resqet dikjarazzjoni ta' Dr. Aleksander Kadyiski, li huwa t-tabib konsulent ta' zewgha. Huwa qal li Zine Tasev Manoilov huwa pazjent tieghu u li dan kellhu "... *a high blood pressure, which was stabilized*" (fol. 72). Skond din id-dikjarazzjoni, huwa kien ghamel zmien jiehu xi medicini in konessjoni ma din il-kundizzjoni izda imbaghad "… *after his blood pressure was normalized, I advised him to stop taking the mentioned above drugs since September 2011*" (fol. 72). Qal li huwa kien ghamillu din ir-rakkomandazzjoni peress li l-pressjoni kienet giet lura ghan-normal u l-pazjent tieghu ma kellux ilmenti ohra u allura l-medicina Amiodorone kellhu jwaqqafha minhabba xi *side effects* li din seta jkollha. Qalet li zewgha skopra li kellu problema bil-pressjoni gholja meta kien il-Bulgarija. Qalet li zewgha ma kellhux tabib Malti jsegwi l-kundizzjoni

tieghu izda kellu tabib Bulgaru li kienu jmorru jaraw kull sena. It-tabib Bulgaru jismu Dr. Alexander Kadinski. Ziedet tghid li ftit qabel ma kienu marru jaraw lil Dr. Kadinski, huma kienu marru ghand Dr. Oscar Aquilina u dan kien ippreskrivielu l-medicina Amiodorone u Warfarin. L-Amiodorone twaqfet fuq ordni ta’ Dr. Kadinski. L-ahhar li kienu zaru lil Dr. Kadinski kien fis-sajf tas-sena 2014. Ir-rikorrenti qalet ukoll li “*last year my husband was again prescribed warfarin and amiodorone*” (fol. 82). Pero, kompliet tghid ir-rikorrenti, zewgha waqaf jiehu l-warfarin fuq rakkomandazzjoni ta’ Dr Anna Caruana, l-assistenta ta’ Dr. Oscar Aquilina. Qalet li fis-sajf tas-sena 2014 meta huma marru jzuru lil Dr. Kadinski, dan ta’ l-ahhar kien irrakomandalhom sabiex iwaqqfu l-medicina zarelto izda kellhu jibqa jiehu l-amiodorone.

6. **Tanzev Manilov** xehed bil-lingwa Ingliza bl-ghajnuna ta’ interpretu. Huwa qal li bejn disa xhur u tnax-il xahar qabel ma kien mar jara lil Dr. Kadinski f’Settembru, 2011 huwa kien beda jiehu l-warfarin u l-amiodorone. Waqqafhom fuq ordni ta’ Dr. Kadinski f’Settembru, 2011. Qal li dak iz-zmien li kien beda jiehu din il-medicina huwa kellu *high blood pressure*. Qal li minn meta waqqaf dawn il-medicini sakemm hassu ma jiflahx f’Marzu 2013 huwa kien ihossu b’sahhtu. Wara Marzu 2013 huwa reggha gie ordnat sabiex jiehu l-warfarin u l-amiodorone. Sussegwentement beda jiehu z-zarelto flok il-warfarin. Anke din il-medicina twaqqfitlu u issa jehodha biss meta jkollu l-pressjoni gholja.

7. **John Galdes**, senior manager fid-dipartiment tal-*claims* mas-socjeta intimata xehed u qal li s-socjeta minnu rapprezentata ma accettatx it-talba maghmula mir-rikorrenti ghal hlas maghmula taht polza ta’ l-ivvjaggar. Qal li meta hija wiegbet u mliet il-*claim form* taht ir-rubrika *cancellation section* fejn kien hemm il-mistoqsija jekk zewgha kienx qieghed jiehu xi trattament jew medikazzjoni fl-ahhar tnax-il xahar, ir-risposta taghha kienet fl-affermattiv u cioe li zewgha kien qieghed jiehu xi pinnoli ghal pressjoni. Qal li mill-*case summaries* tal-*files* li kien hemm go l-Isptar Mater Dei kien jidher bic-car li r-ragel tar-rikorrenti kien qieghed ibaghti minn *hypertension, fibrillation, heart disease* u *chronic heart failure*. Kien ghalhekk li huma ma onorawx il-polza taghhom. In kontro-ezami, x-xhud qal li “*ir-ragel tar-rikorrenti ma kienx kopert ghal dik il-kundizzjoni li biha huwa kkancella il-polza il-ghaliex diga kellu din il-marda*

*precedentement*" (fol. 92). Zied ighid li "*ahna meta rrifjutajna li nhallsu l-ammont li kien qieghed jippretendi r-rikorrenti ghamilna dan a bazi tal-fatt illi ahna kkonkludejna li huwa kien ghadu qieghed jircievi trattament dak iz-zmien u li fl-opinjoni taghna r-ragel tar-rikorrenti kien qieghed isofri minn kundizzjoni kronika. Konsegwentement ahna kkonkludejna li huwa kien qed jircievi medikazzjoni tul l-ahhar tnax (12)-il xahar*" (fol. 92).

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Jirrizulta mill-provi li r-ragel tar-rikorrenti kien verament waqaf jiehu l-medicina li kienet giet preskritta lilu f'Settembru, 2011 u allura meta hija mliet il-polza hija kienet qeghda tghid dak li fil-verita kienet is-sitwazzjoni taghhom dak iz-zmien. Din il-medicina, ghalkemm hemm imnizzla fid-dokument immarkat RS 3 a fol. 32 li "*the patient was previously on amiodarone, which was stopped by the patient himself*" jidher li kienet twaqqfet fuq rakkomandazzjoni tat-tabib tar-ragel tar-rikorrenti Dr. Aleksander Kadyiski. It-Tribunal hawn jaghmel referenza ghall-artikolu 9 (2)(b) tal-Kap. 380 fejn jinghad li huwa "*ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jitratta*". Wiehed ma jridx jinsa d-diffikulta tal-lingwa li zewg ir-rikorrenti jidher li ghandu tant li biex xehed quddiem it-Tribunal kellhu jitqabbad interpretu. Ghalhekk, ghalkemm dak li jinghad mit-tobba jidher li ghandu mis-sewwa, t-Tribunal xorta wahda irid izomm quddiem ghajnejh id-diffikulta tal-lingwa li zewg ir-rikorrenti kellhu meta huwa ittiehed l-isptar u tnizzlu dawk in-notamenti. Ghalhekk, jirrizulta li s-socjeta intimata ma hijiex gustifikata li ma tatix ir-rizarciment rikjest mir-rikorrenti. Kollox ma kollox, it-Tribunal ma ntweriex li huwa ma ghandux ghalfejn joqghod fuq id-dikjarazzjoni maghmula mit-tabib privat ta' zewg ir-rikorrenti u konsegwentement, anke in vista ta' dak li tghid il-ligi li waqqfet dan it-Tribunal, huwa sejjer jaccetta tali dikjarazzjoni ghal finijiet ta' provi f'dan il-kaz.

9. Is-socjeta intimata fl-ahhar eccezzjoni taghha tghid li "*illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u in linea sussidjarja, f'kaz li t-talba attrici ghal kumpens tintlaqa, din ghandha tinghata kumpens ghal sehemha biss ghall-ispejjez tal-vjagg u mhux ta' terzi*". Din l-eccezzjoni inghatat peress li hija r-rikorrenti biss li intavolat dawn il-proceduri u mhux zewgha ukoll. Mill-provi prodotti pero, ma jirrizultax a sodisfazzjon tat-Tribunal li r-rikorrenti ma hargitx il-flus tal-vjagg kollha hi. Prova li tezisti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti ma ingibietx u allura t-Tribunal ma jarax l-ghala r-rikorrenti ma ghandhiex tkun intitolata tressaq dawn il-proceduri wahedha. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk tezisti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, l-fatt li tkun intavolat il-kawza r-rikorrenti biss, kif inhu l-kaz, ma hemm xejn fil-ligi li tghid li hija intitolata biss ghal dak li jispetta lilha biss mill-vjagg. Dak li ghamlet ir-rikorrenti meta fethet dawn il-proceduri huwa a beneficcju tal-komunjoni. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata in kwantu dawn huma nkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn u tmintax-il euro [€2018] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' meta r-rikorrenti ghamlet il-*claim* taghha mas-socjeta intimata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------